**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 590/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Husam Saleh Belgasem Shalgom**

**Illum 14 ta' Settembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Husam Saleh Belgasem Shalgom**, ta' sebgħa u tletin (37) sena, imwieled il-Libja fis-7 ta' Marzu 1986, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 140925A u ta' Passaport Libjan bin-Numru 090153, talli nhar l-1 ta' Lulju 2023, għall-ħabta tas-7:00 ta' filgħodu, ġewwa Triq l-Msida, Gżira:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu, bi ksur ta' l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Ġarr 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur ta' l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. B'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi (Kodiċi Kriminali), kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Għamel inġjuri jew theddid lil Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay mhux imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, bi ksur ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) u cioè mill-Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., bid-digriet datat 23 ta' April 2018 u kif sussegwentement emendat, li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u cioè mill-Maġistrat Charmaine Galea LL.D., bid-digriet datat 6 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) tordna li l-ammont stabilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta, kif ukoll tordna r-ri-arrest ta' Husam Saleh Belgasem Shalgom ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tipprovdi għas-sigurtà ta' Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay billi jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) tittratta ma' Husam Saleh Belgasem Shalgom bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta huwa kien ġie misjub ħati u kkundannat għal reati b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi; u sabiex (v) f'każ ta' ħtija, il-Qorti, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lil Husam Saleh Belgasem Shalgom iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "HS1" sa' Dok. "HS4" a fol. 8 sa' 13 tal-proċess;

Rat li l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Ransley mogħtija waqt is-seduti tas-17 ta' Awwissu 2023[2], tal-31 ta' Awwissu 2023[3] u tal-5 ta' Settembru 2023[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JR1" sa' Dok. "JR8" a fol. 32 sa' 39 tal-proċess, Dok. "JZT" a fol. 77 tal-proċess u Dok. "JRT" u Dok. "JRT1" a fol. 122 sa' 126 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[5], ta' PS186 Kristian Mintoff[6], ta' Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay[7] u ta' Marica Mifsud, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali[8], mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2023 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri markata Dok. "MS" a fol. 45 sa' 51 tal-proċess, id-dokument esebit minn PS186 Kristian Mintoff markat Dok. "CM" a fol. 58 sa' 61 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn Marica Mifsud markati Dok. "MM1" u Dok. "MM2" a fol. 80 sa' 118 tal-proċess;
Semgħet it-trattazzjoni orali finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat in-Nota tal-Prosekuzzjoni datata 5 ta' Settembru 2023 permezz ta' liema ippreżentat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Bin Husayn Mousa Sulayman

[1] Fol. 26 tal-proċess.
[2] Fol. 27 sa' 31 tal-proċess.
[3] Fol. 75 u 76 tal-proċess.
[4] Fol. 120 u 121 tal-proċess.
[5] Fol. 42 sa' 44 tal-proċess.
[6] Fol. 52 sa' 57 tal-proċess.
[7] Fol. 62 sa' 74 tal-proċess.
[8] Fol. 78 u 79 tal-proċess.

Mousay" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 ta' Awwissu 2023, a fol. 127 sa' 131 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-1 ta' Lulju 2023, għall-ħabta tas-7:00a.m., ġewwa Triq l-Msida, Gżira: (1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu, bi ksur ta' l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) ġarr 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur ta' l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi (Kodiċi Kriminali), kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) għamel inġjuri jew theddid lil Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay mhux imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, bi ksur ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) u cioè mill-Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., bid-digriet datat 23 ta' April 2018 u kif sussegwentement emendat, li permezz tiegħu huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (6) naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u cioè mill-Maġistrat Charmaine Galea LL.D., bid-digriet datat 6 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Qabel ma' l-Qorti tgħaddi biex tittratta u tiddetermina l-mertu ta' dawn il-proċeduri, tħoss li għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Kif appena osservat, l-imputat jinsab mixli talli nhar l-1 ta' Lulju 2023, għall-ħabta tas-7:00a.m., ġewwa Triq l-Msida, Gżira, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu, bi ksur ta' l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[9]. Ir-reat prospettat fil-konfront ta' l-imputat permezz ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu jġorr piena ta' priġunerija minn sena sa' seba' snin, piena din li teżorbita l-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Huwa qed jiġi mixli wkoll talli ġarr 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur ta' l-Artikoli 6 u

[9] L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat.

51(7) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-proċediment kontra persuna għal tali reat għandu jsir quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, hekk kif jipprovdi l-Artikolu 63 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat jinsab mixli wkoll talli b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi (Kodiċi Kriminali), kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li għamel inġjuri jew theddid lil Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay mhux imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, bi ksur ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) u cioè mill-Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., bid-digriet datat 23 ta' April 2018 u kif sussegwentement emendat, li permezz tiegħu huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u li naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u cioè mill-Maġistrat Charmaine Galea LL.D., bid-digriet datat 6 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dawn ir-reati kollha jġorru piena li taqa' taħt il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Peress illi l-imputat ġie mixli, fost oħrajn, b'reat soġġett għal piena li taqbeż il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex ai termini ta' l-Artikolu 389 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta bdiet titmexxa l-kumpilazzjoni meħtieġa.

Tul il-kors tal-ġbir tal-provi, senjatament mix-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Ransley mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Awwissu 2023[10], irriżulta li r-rapport ta' l-allegat vittima Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay fil-konfront ta' l-imputat, fejn appuntu għamel rapport li l-imputat ikkawżalu ġrieħi f'idejh, li kienu jikkonsistu *f'incision wounds ranging in length from 2cm to 5cm over left palm* u li ġew klassifikati bħala gravi per durata - ċertifikat markat Dok. "HS3" a fol. 9 tal-proċess - ma kienx veritier, anzi dik il-parti tar-rapport kienet falza, tant illi l-istess Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay tressaq bi proċeduri separati u, a bażi ta' ammissjoni, huwa ġie debitament sentenzjat b'sentenza pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Awwissu 2023, fol. 127 sa' 131 tal-proċess. L-Ispettur Ransley għalhekk stqarr li l-ġrieħi li huma mertu ta' dawn il-proċeduri huma dawk f'wiċċ Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay li, skond l-imsemmi Spettur, jidhru fir-ritratti Dok. "JR1" sa' Dok. "JR4" a fol. 32 sa' 35 tal-proċess.

Fid-dawl ta' dan il-fatt, il-Qorti in forza ta' Digriet datat 17 ta' Awwissu 2023[11] innominat lit-Tabib Dr. Mario Scerri bħala Espert Mediku sabiex mir-ritratti markati Dok. "JR1" u Dok. "JR4", esebiti a fol. 32 u 35 tal-proċess, jiddetermina jekk Bin

[10] Fol. 27 sa' 31 tal-proċess.
[11] Fol. 24 u 25 tal-proċess.

Husayn Mousa Sulayman Mousay għandux ġrieħi f'wiċċu u jekk jirriżultaw ġrieħi, jistax jikklassifika l-istess. L-imsemmi Espert Mediku espleta l-inkarigu tiegħu u fil-31 ta' Awwissu 2023 huwa ppreżenta r-Relazzjoni tiegħu - Dok. "MS" a fol. 45 sa' 51 tal-proċess - fejn, wara li eżamina r-ritratti Dok. "JR1" u Dok. "JR4", ikkonkluda li *kemm fir-ritratt JR1 kif ukoll f'JR4 jidher li kien hemm dbenġila madwar l-għajn il-leminija. Illi din id-dbenġila kienet riżultat ta' blunt trauma diretta, ma kienitx akkumpanjata minn leżjonijiet lokali oħra u klassifikata bħala leżjoni ta' natura ħafifa*[12].

Ladarba jirriżulta li l-ġrieħi allegatament kawżati mill-imputat lil Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay huma ta' natura ħafifa, huwa applikabbli l-Artikolu 221 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn il-piena hemm prevista - kemm taħt is-subartikolu (1) kif ukoll taħt is-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi - taqa' taħt il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

B'hekk din il-Qorti għandha quddiemha serie ta' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat li kollha jaqgħu taħt il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Fid-dawl ta' dan il-fatt il-Qorti tqis li għandu japplika dak provdut fl-Artikolu Artikolu 403 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *(1) Jekk, meta tingħalaq il-kompilazzjoni, il-qorti jkun jidhrilha li ir-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, iżda ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u li dwaru ma hemmx ħtieġa ta' kwerela tal-parti offiża, il-qorti li mexxiet il-kompilazzjoni għandha tagħti s-sentenza fuq ir-reat skond l-Artikolu 377, u tordna li l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond l-Artikolu 401(3). (2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tgħodd ukoll kemm-il darba r-reat ikun wieħed li għalih it-tmexxija ta' l-azzjoni tmiss lill-parti offiża, u din ma tidhirx biex tirrinunzja għall-azzjoni.*

Għal kull buon fini jiġi osservat li Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay deher quddiem il-Qorti u ta x-xhieda tiegħu, u fl-ebda stadju ma rrinunzja għall-azzjoni fil-konfront ta' l-imputat. Konsegwentement għalhekk il-Qorti ser tipproċedi biex tagħti s-sentenza fuq ir-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat skond kif provdut fl-Artikolu 377 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

**L-Ispettur Jonathan Ransley**[13] xehed illi *fl-1 ta' Lulju ta' din is-sena ċertu Bin Husayn Mousa Sulayman Musay, detentur tal-ID Card 139231A, irraporta li kien sofra xi ġrieħi wara li kien safa' attakat minn ċertu Husam Selah Belgasem Shalgom, ID Card 140925A. Huwa spjega, irrapporta illi għall-ħabta tas-6:30 ta' filgħodu kien qed isuq faċċata tal-KFC, il-Gżira, il-KFC il-ġdid, faċċata hemm l-Sphinx pastizzeria. Skonthu Husam għamillu sinjal biex jieqaf u fil-fatt waqaf. Qal li Husam mar mat-tieqa tax-xufier, hemmhekk kien hemm argument fuq xi 800 euro li Salah, li ġie hu l-imputat, kellu jagħti lil Bin Husayn. Bin Husayn qal li waqt l-argument, Husam attakah b' oġġett tal-metall simili ta' sikkina u fil-fatt kien*

[12] Fol. 50 tal-proċess.
[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Awwissu 2023, fol. 27 sa' 31 tal-proċess.

*għamillu xi ġrieħi f'idejh. Meta kont infurmat bir-rapport, kont tajt l-istruzzjonijiet lis-Surġent 186, daħal rapport, sabiex jieħu r-ritratt tal-injuries* - Dok. "JR1" sa' Dok. "JR4" a fol. 32 sa' 35 tal-proċess. *Bin Husayn kien ipprovda ċertifikat mediku li kien maħruġ minn Dr. Jessica Darmanin, Registration 4878, fejn hi ċċertifikat l-injuries grevious per durata. Li rrid ngħid fuq dan iċ-ċertfikat Sinjura, li l-injuries jikkonċernaw biss il-ġrieħi li hemm fl-id, dik fil-fhema tagħna imma umbgħad dak irid jarah it-Tabib, il-grieħi fil-wiċċ fuq in-naħa tal-lemin, dak ma kien hemm l-ebda ċertifikat fuqu għax ovvjament ma naħsibx li l-vittma qallu biha lit-Tabib. Ma qallux biha lit-Tabib tal-wiċċ, il-vittma qallu bil-ġrieħi tal-id biss. Fil-fatt fuq hekk biss qiegħed* - Dok. "HS3" a fol. 9 tal-proċess. *Fuq l-istruzzjonijiet tiegħi ukoll Pc 186 mar ġab xi filmati fl-akwata, fil-fatt hekk għamel imbghad liema filmat ġie annalizat mid-DSU, li huma n-nies tad-distrett PC1103 u PC470 u rriżulta minn dan il-filmat illi vera Husam kien avviċina l-vettura ta' Bin Husayn li kienet Fiat Doblo bin-Number Plate DCA-814 u jidher tlett darbiet jagħti xi daqqiet lix-xufier tal-vettura li huwa Bin Husayn. Però, irrid ngħid għalkemm il-filmat qiegħed fil-bogħod u kien għamlulu iz-zoom ghal darba, darbtejn, ma kienx jidru affarijiet kbar f' idejh, u qed ngħid affarijiet kbar mhux affarijiet zgħar għax tilef ħafna pixels jiġifieri kieku kellu oġġett mhux se narawh. Għal dan kont ġibt Mandat ta' Arrest u Tfittxija liema Mandat kien ġie akkordat mill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Monica Vella nhar is-26 ta' Lulju, 2023. Il-Warrant ġie esegwit fit-30 ta' Lulju ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara meta mar jiffirma l-bail book Husam. Husam ġie interrogat fil-31 ta' Lulju fil-preżenza tal-Avukat tiegħu Dr. Marion Camilleri* - stqarrija esebita bħala Dok. "HS4 a fol. 10 sa' 12 tal-proċess. *Irrid ngħid illi tajnihom il-footage closer jiġifieri immedjatament u l-imputat* (illi l-Ispettur Ransley għarfu bħala Husam Saleh Belgasem Shalgom) *ġibdilna l-attenzjoni … illi fir-realtà Bin Husayn kien diġa mar, avviċinah xi sebgħa minuti qabel, qal hu, jew 10 minutes. Fil-fatt aħna hija l-prassi tagħna li nġibu l-filmati ftit qabel u ftit wara, l-istess DSU mingħalija PC 1103, fil-fatt nikkoreġi ruħi, il-filmat PC 1103 analizzah mhux it-tnejn li huma, mar lura u fil-fatt vera jidher qed isuq Bin Husayn il-Fiat Doblo, jirrivesja, jidher li kien hemm xi forma ta' konfront però saqajn naraw, ma narawx jekk kien Husam, jekk kien Cikku jew Peppu, dan reġa' rriversja u telaq. Xi 10 minutes wara jerġa jiġi u jseħħ l-inċident li semmejt ftit qabel, jiġifieri dak li qalilna l-imputat kien minnu, però l-imputat qalilna wkoll li l-feriti ta' jdejh mhux vera għamilomlu hu. Kif għadni kemm għidt minħabba l-pixelation wieħed kien diffiċli jiddistingwi jekk hux vera jew le, però hu ta deskirizzjoni fil-fatt, sibt stampa qiegħda fl-statment minn fuq google li ddiskriva s-sikkina li kellu, qishu dagger bħal xabla zgħira. Jien ħadt id-deċizjoni dakinhar li nressqu xorta bl-arrest lil Husam fil-1 t' Awwissu, 2023 quddiem il-Maġistrat Joe Mifsud u kien irrisponda, ma kienx ħati ta' l-akkuzi. Bqajt newden fuqha din Sinjura u ddeċidejt li fit-2 t' Awwissu nibgħat għall-vittma nerġa' u nara x' kien ħa jgħidli. Fil-fatt ġibtu l-Għassa kont u għidtlu tas-sikkina ma tantx qed tagħmel sens mill-filmat li qed naraw. Qalli le żgur bis-sikkina, għidtlu għandna l-filmat, qalli ha narah il-filmat qalli għax żgur kien hemm sikkina, għidtlu qabel ma naraw il-filmat, għidtlu s-sikkina kemm kienet kbira? U għamel sinjal min-nofs idu sas-swaba. Jiġifieri dik konna narawa żgur. Urejtu l-filmat u kif urejtu l-filmat qalli ara ha ngħidlek il-verità, waqqaftu u nfurmajtu kien arrestat dak il-hin, però xorta baqa' jpaċpaċ u qal le vera ma kellux sikkina. Qal li kien hemm blade li jużaw biex jaqtgħu l-gypsum boards, għax jaħdem fil-gypsum boards, qal mort naħtaf lilha u ċarrat idejh magħha. … Weġġa' lilu nnifsu. Hu qal li mhux intenzjonalment. Qal bi żball. Issa aħna għamilna search fil-vettura konna għaliha*

*wkoll, però ma nstabu l-ebda sikkina, la kif qal l-imputat u x' ħin saqsejtu fuq is-sikkina l-ieħor, qal li kien ramiha. Fil-fatt kont ħadtlu statement u pressapoco wara li kien tkellem ma' l-Avukat Dr. Tiziana Micallef, anzi kienet hemm fil-preżenza tiegħu jigifieri, għamilna xi stqarrija u dak li qalli bażikament, irrakontah fl-statement. Fil-fatt kont ressaqtu b' kalunnja lilu fit-3 t' Awwissu 2023 quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Abigail Critien u kien ammetta għall-akkużi kontrih u ... kienet ingħatat sentenza, jekk m' inix sejjer żball conditional discharge għal tlett snin, jekk dejjem m' iniex sejjer żball għax ma kontx preżenti jien però fuq online għadu ma telgħax, però sa' fejn naf jien conditional discharge. Li ridt nesebixxi Sinjura wkoll għax li l-imputat kien qal li hu ġie aggredit b' sikkina wkoll hu minn Husayn u fil-fatt urini xi ġrieħi li kellu. Kellu żewġt iġrieħi, kellu waħda fuq u waħda isfel u jekk m' iniex sejjer żball qal ta' fuq li għamillu hu. Fil-fatt mill-filmat jidher jgħolli t-top u jiċċekja x' għandu. Però ma deherx demm jiġifieri ma nistax ngħid jekk hux vera jew le* - Dok. "JR5" sa' Dok. "JR8" a fol. 36 sa' 39 tal-proċess.

Fuq mistoqsija tal-Qorti dwar jekk mill-filmat in kwistjoni - li ġie esebit mill-Ispettur Ransley waqt is-seduta tal-5 ta' Settembru 2023 u markat bħala Dok. "JRT" a fol. 122 tal-proċess - tirriżultax kolluttazzjoni bejn l-imputat u Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay, l-Ispettur Ransley wieġeb *iva, kien hemm il-vittma fil-karozza u jidher l-imputat jersaq lejh. Aħna qed ngħidu daqqa ta' ponn, imma ejja ngħidu tah daqqa, sewwa, jersaq lura, jerġa jmur itih daqqa oħra, jerġa jersaq lura u jtih daqqa oħra jiġifieri hemmhekk qed naqblu li kien hemm ġlieda, li mhux qed naqblu umbghad kif irriżulta insomma tas-sikkina.* Fuq mistoqsija tad-Difiża, l-Ispettur Ransley ikkonferma li qabel l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri kien hemm inċident preċedenti, madwar għaxar minuti qabel, bejn l-imputat u Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay, fejn dan ta' l-aħħar kien għaddej bil-vettura tiegħu, lemaħ lill-imputat, irriversja u kellhom xi jgħidu. L-Ispettur ikkonferma li skond l-imputat waqt dan l-ewwel argument huwa ġarrab xi ġrieħi allegatament kawżati minn dan Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay. Wara dan l-ewwel argument, Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay telaq, dar mal-blokka u madwar għaxar minuti wara reġa' ġie ħdejn l-imputat fejn seħħ it-tieni argument, mertu ta' dawn il-proċeduri.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2023[14], l-Ispettur Jonathan Ransley ippreżenta Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 6 ta' Marzu 2021, mogħti fil-konfront ta' Husam Saleh Belgasem Shalgon fil-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Siraj S.B. Shalgom et". Fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2023, l-Ispettur Ransley, oltre li ippreżenta il-filmati relattivi għall-inċident mertu tal-proċeduri - Dok. "JRT" a fol. 122 tal-proċess, ippreżenta wkoll ir-rapport li Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay kien għamel fil-konfront ta' Siraj S.B. Shalgum, Dok. "JRT1"fol. 123 sa' 125 tal-proċess u permezz ta' Nota datata 5 ta' Settembru 2023, ippreżenta s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay" deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Awwissu 2023 - fol. 127 sa' 131 tal-proċess.

**PS186 Kristian Mintoff**[15] xehed *fl-1 ta' Lulju 2023 kont xogħol l-Għassa tas-Sliema u kien ġie ċertu Mousa Sulayman Bin Husayn biex jirrapporta li kien sofra xi ġrieħi iktar kmieni filgħodu għax kien safa' attakkat minn persuna li tagħtu*

[14] Fol. 75 u 76 tal-proċess.
[15] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2023, fol. 52 sa' 57 tal-proċess.

*daqqa skond ma qal hu b'oġġett twil bix-xafra. Dan kellu idu x-xellugija nfaxxata. Taħt dawn il-faxex għax kien ġibidhom naqra, kienu jidhru li hemm xi punti. Kien stqarr li mar il-Polyclinic u hituhomlu u li l-proċedura li qal li kienet ħadet daqsxejn fit-tul u kien ġab ċertifikat mediku ffirmat minn Dr. Jessica Darmanin, Registration Number 4878, mill-Health Centre tal-Furjana. Dan iċ-ċertifikat kien deskritt bħala grievous per durata u kellu, skond iċ-ċertifikat, 6 incision wounds u it-tul tagħhom kien minn 2cm sa' 5cm, l-itwal waħda. Jiena meta kont staqsejtu kien qalli l-inċident kien ġara madwar 6:30a.m. fi triq l-Imsdia, faċċata ta' KFC. Hu kien qal li kien qed isur il-vann tiegħu FIAT fit-triq. Kienet waqfitu din il-persuna li aggredietu u waqaf mal-ġenb. Kellu argument verbali magħha u at one point waqt dan l-argument il-persuna li aggredietu kienet xejritlu daqqa b'dan l-oġġett tawwali u bix-xafra. Jien kont mort miegħu fuq il-post u għidtlu biex jindikali eżatti fejn ġara l-inċident. Niftakar ukoll li mbagħad kont eskortajtu lejn il-post fejn qalli li jgħix għax kien beżgħan li din il-persuna li jgħid li aggredietu tkun qed tistennih lejn id-dar biex tistennih dieħel id-dar biex terġa' taggredih u kont eskortajtu hemm. U wara erġajt mort fuq il-post, tajt titwila biex nara jekk hemmx xi CCTV cameras u rriżulta li hemm tnejn li deher li jagħtu għal fuq il-post fejn hu indikali li kien seħħ dan l-inċident. Issa post minnhom li kien jismu Fabian Enterprises, dak il-ħin kien magħluq imbagħad erġajt mort iktar tard. Filwaqt li faċċata ta' fejn ġara l-inċident kien hemm ħanut Miracle Foods li kien miftuħ u kont dħalt nistaqsi min jieħu ħsieb is-CCTV cameras. Kienu qabbduni ma' persuna, ċertu Sandro Micallef, u tawni n-numru tal-mobile tiegħu, kont ikkuntattjatju u kien ppreparali filmat li kien għaddihuli ġranet wara.*

Is-Surġent Mintoff iddikjara li hu ra dan il-filmat, li in segwitu ġie mgħoddi minnu lill-Ispettur Jonathan Ransley, u milli ra *jidher l-inċident fil-bogħod top right corner. Kien jidher kollox żgħir, in-nies ma jintgħarfux. Però kien jintgħaraf dan il-vann li qal li kien bih il-vittma. L-istess kulur ta' vann u ta' l-istess għamla.* Is-Surġent iddikjara li anke jekk il-filmat jiġi zoomed, l-aggressur ma jintgħarafx sew u il-vettura li tidher hija vann, Fiat abjad. Dwar x'ra fuq il-filmat PS186 Kristian Mintoff xehed ulterjorment illi *dan il-persuna x'ħin rajt il-filmat, l-aggressur kien għamel mossa b'idu dritt għal quddiem dieħla mit-tieqa tan-naħa tax-xufier. Jien lilu kont saqsejtu kif ġie injured f'idu mit-tieqa tan-naħa tax-xufier, daħlet dritta mill-filmat u hu qalli li laqa' b'idu hekk. Nixtieq ngħid ukoll li minħabba li l-filmat ma kienx ċar ma kienx jidher li kellu xi ħaġa f'idu l-ieħor però lanqas ma jfissirx li mhux qed ngħid li ma kellux xi ħaġa f'idu. Ma kinitx ċara biżżejjed. Idu biss dehret. Jiena mbagħad ġibt filmat ieħor mingħand Fabian Enterprises li l-camera tagħhom ma qabbditx l-inċident, li naqbad fl-inċident kien l-aggressur miexi lura ... Jiġifieri jigsaw puzzle kienet hekk, li dan vera kien hemm bil-vann, vera l-aggressur, vera xi ħadd xejjirlu daqqa. U vera l-persuna li hu qed jallega li hu xejjritlu d-daqqa kien preżenti dak il-ħin u naqbad fil-filmat miexi lura lejn il-ħanut tal-pastizzi li hemm fil-kantuniera jiġifieri direzzjoni Gżira, Msida.*

Ix-xhud ikkonferma li r-ritratti esebiti li juru l-ġrieħi f'wiċċ Bin Husyan Mousa Sulayman Mousay ħadhom hu u kkonferma wkoll li ċ-ċertifikat mediku markat Dok. "HS3" a fol. 9 tal-proċess, huwa ċ-ċertifikat mediku li Mousay ippreżentalu dakinhar li għamel ir-rapport fil-konfront ta' l-imputat. PS186 Kristian Mintoff ippreżenta wkoll ir-rapport in kwistjoni markat Dok. "CM" a fol. 58 sa' 61 tal-proċess.

**Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay**[16] xehed ma' l-imputat *per se* qatt ma kellu problemi, il-problema li għandu hija ma ħu l-imputat li skontu selfu (ossia Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay) xi flus u dan ma jridx jagħtihomlu lura u minflok jheddu. Iddikjara li huwa diversi drabi għamel rapport kontra din il-persuna iżda ma tteħditx azzjoni kontrih għaliex il-Pulizija qatt ma rnexxielhom isibuh. Skond Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay, kif inqalet il-kwistjoni ma' ħu l-imputat, l-istess imputat beda jdejqu. Xehed illi dakinhar ta' l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa kien għaddej mill-Gżira, lemaħ lill-imputat, waqaf, irriversja u għajjru ħalliel, l-imputat offendih u hu offendih lura. Huwa kkonferma li dak il-ħin hu telaq minn fuq il-post, dar il-blokka u reġa' ġie lura, reġa' qal xi ħaġa lill-imputat u dan mar lejh u aggredih. Jgħid li l-imputat beda jagħtih bil-ponn fuq in-naħa tal-lemin minn ġot-tieqa tal-vettura.

In kontro-eżami Bin Husayn Lousa Sulayman Mousay ikkonferma li ma' l-imputat *per se* ma kellux inkwiet, iżda kemm ilu li għandu jieħu flus mingħand ħu l-imputat, l-istess imputat beda jdejqu. Ikkonferma li dakinhar ta' l-inċident, fl-ewwel inkontru li kellu ma' l-imputat, kif rah huwa għajru ħalliel imbagħad bdew joffendu lil xulxin. Ikkonferma wkoll li kien għamel rapport kontra ħu l-imputat iżda l-każ kontrih spiċċa biex waqa' għaliex ma kienx qed jiġi notifikat. Huwa kkonferma li fil-vettura kellu sikkina tal-gypsum u hu, u mhux l-imputat, kien weġġa' lilu nnifsu biha. Fir-rigward huwa qal *meta beda jtini d-daqqiet hekk bdejt inweġġa' ħafna u ridt naqbad xi ħaġa. Meta qbadtha, qbadt is-sikkina u weġġajt hawn. Meta weġġajt jiena ħriġt mill-ewwel. Ħriġt mill-ewwel u mort il-Furjana. Kelli l-jeans tiegħi mimli bid-demm, mort il-Furjana*. Ikkonferma li mal-Pulizija huwa kien iddikjara li l-ġrieħi f'idejh kien għamilhomlu l-imputat. Stqarr li meta mar il-Polyclinic biex idewwulu idejh, huwa qalilhom biss b'idejh u mhux ukoll b'wiċċu għaliex f'idu kien imweġġa' ħafna u qalilhom fuq hekk biss. Dwar ġrieħi oħra li ġarrab, Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay stqarr li kellu ġrieħi f'widintu u fil-fatt hu u jixhed beda juri n-naħa tal-lemin ta' rasu, fl-*area* ta' widintu, qal *xi marki le, imma l-ħabtiet jiġu hawn din in-naħa*.

**L-Espert Mediku Dr. Mario Scerri,** ippreżenta r-Relazzjoni tiegħu, Dok. "MS" a fol. 45 sa' 51 tal-proċess, fil-31 ta' Awwissu 2023, fejn, wara li eżamina r-ritratti Dok. "JR1" u Dok. "JR4" a fol. 32 u 35 tal-proċess, ikkonkluda li *kemm fir-ritratt JR1 kif ukoll f'JR4 jidher li kien hemm dbenġila madwar l-għajn il-leminija. Illi din id-dbenġila kienet riżultat ta' blunt trauma diretta, ma kienitx akkumpanjata minn leżjonijiet lokali oħra u klassifikata bħala leżjoni ta' natura ħafifa*[17].

**Marica Mifsud**, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, ippreżentat Digrieti għall-Ħelsien mill-Arrest ta' Husam Saleh Belgasem Shalgom, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 140925A. L-ewwel Digriet esebit minnha - Dok. "MM1" a fol. 50 sa' 107 tal-proċess - huwa Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Imħallef Antonio Mizzi fit-23 ta' Jannar 2018. Dan id-Digriet ġie in segwitu varjat b'Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke fis-26 ta' April 2018 u b'Digriet ulterjuri (dan rigwardwanti Siraj S.B. Shalgom biss) mogħti mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke datat 6 ta' Ġunju 2018. Kien hemm varjazzjoni ulterjuri permezz ta' Digriet mogħti mill-Imħallef Edwina Grima datat 12 ta' Settembru 2018. It-tieni

[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2023, fol. 62 sa' 74 tal-proċess.
[17] Fol. 50 tal-proċess.

Digriet esebit minn Marica Mifsud - Dok. "MM2" a fol. 108 sa' 118 tal-proċess - ingħata mill-Maġistrat Charmaine Galea fis-6 ta' Marzu 2021, liema Digriet ġie varjat b'Digriet mogħti mill-Imħallef Edwina Grima fl-10 ta' Marzu 2021.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Kif iktar 'l fuq osservat l-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-1 ta' Lulju 2023, għall-ħabta tas-7:00a.m., ġewwa Triq l-Msida, Gżira: (1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu, bi ksur ta' l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) ġarr 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur ta' l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi (Kodiċi Kriminali), kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) għamel inġjuri jew theddid lil Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay mhux imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, bi ksur ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) u cioè mill-Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., bid-digriet datat 23 ta' April 2018 u kif sussegwentement emendat, li permezz tiegħu huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (6) naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u cioè mill-Maġistrat Charmaine Galea LL.D., bid-digriet datat 6 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tibda billi tosserva li mill-provi prodotti ħareġ bl-iktar mod ċar li dakinhar ta' l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri u fil-kuntest ta' l-istess inċident, l-imputat ma kellu l-ebda sikkina u/jew strument li jaqta' jew bil-ponta in kwantu mix-xhieda ta' Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay ħareġ bl-iktar mod ċar li s-sikkina kienet ta' l-istess Bin Husayn Mousa Sulayman. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk għandu jsegwi li l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Oriġinarjament, Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay kien għamel rapport mal-Pulizija kontra l-imputat talli, skontu, l-istess imputat kien għamillu ġrieħi f'idejh, liema ġrieħi kienu ċertifikati li huwa ta' natura gravi per durata. A bażi ta' tali rapport l-imputat ġie mixli talli nhar l-1 ta' Lulju 2023, għall-ħabta tas-7:00a.m., ġewwa Triq l-Msida, Gżira, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu, bi ksur ta' l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Irriżulta però li l-ġrieħi li Bin Husayn Mousa Sulayman kellu f'idejh ma ġewx ikkawżati mill-imputat iżda kien hu stess li weġġa' lilu nnifsu meta qabad sikkina tal-gypsum li kellu fil-vettura tiegħu dakinhar ta' l-inċident. Fid-dawl ta' tali fatt l-istess Bin Husayn Mousa Sulayman ġie mixli bir-reat ta' kalunnja kif ukoll bil-kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u bil-

kontravvenzjoni kontra l-persuna ai termini ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ammetta għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u ġie debitament sentenzjat b'sentenza pronunċjata fit-8 ta' Awwissu 2023 - fol. 127 sa' 131 tal-proċess.

Għalkemm il-Prosekuzzjoni tirrikonoxxi li l-imputat ma kkawżax il-ġrieħi f'idejn Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay, tikkontendi però li fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri l-imputat ikkawża ġrieħi f'wiċċ l-imsemmi Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay, hekk kif jirriżulta mir-ritratti markati Dok. "JR1" u Dok. "JR4" a fol. 32 u 35 tal-proċess. Ta' dawn l-allegati ġrieħi però ma hemmx ċertifikat mediku għar-raġuni - skont ma qal Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay - li meta mar il-Polyclinic tal-Furjana huwa qalilhom biss bil-ġrieħi f'idejh għax dawk li kienu qed iweġġgħuh ħafna.

Fid-dawl tan-nuqqas ta' tali ċertifikat mediku l-Qorti, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, innominat lit-Tabib Dr. Mario Scerri bħala Espert Mediku sabiex mir-ritratti esebiti markati Dok. "JR1" u Dok. "JR4", esebiti a fol. 32 u 35 tal-proċess, jiddetermina jekk Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay għandux ġrieħi f'wiċċu u jekk jirriżultaw ġrieħi, jistax jikklassifika l-istess. Kif gia iktar 'l fuq osservat, l-imsemmi Espert Mediku, wara li r-ritratti Dok. "JR1" u Dok. "JR4", ikkonkluda li l-persuna f'dawk ir-ritratti, ossia Bin Husayn Mousa Sulaman Mousay, kellu tbenġila madwar l-għajn il-leminija u tali tbenġila kienet ta' riżultat ta' *blunt trauma* diretta u kklasifika l-ġrieħi bħala ta' natura ħafifa.
Id-Difiża opponiet għall-ammissibilità ta' din il-prova dwar il-ġrieħi allegatament sofferti minn Bin Husayn Mousa Saulayman Mousay waqt il-kolluttazzjoni ma' l-imputat, ta' min jgħid li l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxata lill-Pulizija Eżekuttiva fil-presenza ta' l-Avukat tiegħu, ma nnegax li huwa ta tlett daqqiet ta' ponn lil Bon Husayn Mousa Sulayman Mousay u fi kliemu tahomlu *fejn ġie. Għax bis-sikkina ma stajtx nidħol sew*, għar-raġuni illi opinjoni ta' Espert Mediku mogħtija a bażi ta' ritratti, b'mod partikolari fin-nuqqas ta' ċertifikat mediku dwar dawk il-ġrieħi, ma tikkostitwixxi l-aħjar prova li għandha tressaq il-Prosekuzzjoni sabiex tissodisfa l-oneru tal-prova impost fuqha, ossia tal-prova lil hinn minn kull dubju raġonevoli.

Fir-rigward ta' din il-kontestazzjoni tad-Difiża però, il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Louis Fenech**, deċiża fit-13 ta' Ottubru 2005, fejn ingħad illi *sabiex issir prova skond il-liġi u sal-grad li trid il-liġi ta' offiża fuq il-persuna, mhuwiex essenzjali li jkun hemm dejjem u f'kull każ ċertifikat mediku jew deposizzjoni ta' tabib. Naturalment tali ċertifikat jew deposizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi determinat jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u/jew it-tip jew natura ta' dik l-offiża. Fi kliem ieħor, tali prova tista' tirriżulta aliunde mingħajr il-htiega li bil-fors jiġi prodott espert mediku jew ċertifikat mediku f'kull każ bħal dak in eżami.*

Għalkemm huwa minnu li l-ġrieħi li ġarrab Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay ma humiex koperti b'ċertifikat mediku, mir-ritratti esebiti Dok. "JR1" u Dok. "JR4" a fol. 32 u 35 tal-proċess, jirriżulta ben ċar li huwa għandu nefħa u tbenġila madwar l-għajn il-leminija u l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri effettivament kien f'posizzjoni li a bażi

tar-ritratti in kwistjoni jikkonkludi li dawk il-ġrieħi kienu riżultat ta' *blunt trauma* diretta.

Id-Difiża tikkontendi li l-imputat ma jistax jinstab ħati li kkawża ġrieħi lil Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay minħabba n-nuqqas ta' krediblità ta' l-istess Mousay, illi, fost affarijiet oħra u primarjament, instab ħati li għamel rapport falz fil-konfront tiegħu relattivament għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Per di più ma jistax jinstab ħati li kkawża l-ġrieħi riskontrati mill-Espert Mediku Dr. Mario Scerri għaliex Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay stess għal darba, darbtejn iddikjara li l-imputat laqtu fuq widintu tal-lemin.

Għalkemm huwa minnu li l-kredibilità ta' Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay hija ferm imtappna partikolarment minħabba d-deċiżjoni inkonsulta tiegħu li jagħmel rapport falz fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti ma tistax tinjora u tiskarta dak li jirriżulta mill-filmati Dok. "JRT" esebiti a fol.122 tal-proċess u mill-istqarrija ta' l-imputat a fol. 10 sa' 12 tal-proċess, fejn huwa ammetta li dakinhar ta' l-inċident fajjar tlett daqqiet ta' ponn lil Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay, fejn ġie.

Mill-filmati in kwistjoni u b'mod partikolari mill-filmat bil-*file name* exported-video-clear, tirriżulta b'mod ċar il-kolluttazzjoni bejn l-imputat - li kien barra fit-triq - u Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay - li kien bilqiegħda fil-vettura tiegħu, kolluttazzjoni din, kif diga ngħad, ammessa mill-istess imputat. Minn dan il-filmat l-imputat jidher jagħti daqqiet lil Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay minn ġot-tieqa tal-lemin u jidher li dawn id-daqqiet huma mmirati lejn in-naħa tal-lemin ta' ras/wiċċ Mousay. Huwa veru li fix-xhieda tiegħu Mousay qal li l-imputat laqtu f'widintu iżda in verità hu u juri fejn qala' d-daqqa waqt li xehed fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2023, huwa beda jindika l-*area* tan-naħa ta' widintu tal-lemin u l-Qorti hija tal-fehma li għad illi d-daqqiet ħasshom hemm, ma huwiex assolutament minn ewl il-dinja li l-imputat laqtu ukoll f'għajnu, partikolarment meta l-istess imputat stqarr li huwa fajjar id-daqqiet fejn ġie għaliex minħabba s-sikkina li jgħid li kellu Mousay, huwa (ossia l-imputat) ma setgħax jidħol sew mit-tieqa tal-vettura.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li a bażi ta' l-istqarrija ta' l-imputat, a bażi tal-filmati esebiti, a bażi tar-ritratti Dok. "JR1" u Dok. "JR4" u a bażi tar-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat effettivament ikkawża t-tbenġil madwar l-għajn il-leminija ta' l-imputat u li tali tbenġil jikkostitwixxi ġrieħi ta' natura ħafifa.

Hawn issir referenza għal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. James Grech**, deċiża fil-31 ta' Ottubru 2022: *huwa prinċipju bażilari wkoll li r-reità tal-imputat trid tiġi pruvata mill-Prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat minn raġuni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li din il-Qorti trid tasal għalih hu, li wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u l-provi kollha inkluż dawk xjentifiċi u mediċi, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti tagħmel referenza għal dak li qal Lord Denning: "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the*

*shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Din il-Qorti għalhekk wara li qieset il-provi appena imsemmija, ossia l-istqarrija ta' l-imputat, il-filmati esebiti, ir-ritratti Dok. "JR1" u Dok. "JR4" u r-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri, hija moralment konvinta li l-imputat effettivament ikkawża l-ġrieħi li jidhru f'wiċċ Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay, senjatament madwar għajnu tal-lemin, u li tali ġrieħi huma ta' natura ħafifa.

Fid-dawl ta' dan il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu iżda tista' u għandha ssibu ħati li nhar l-1 ta' Lulju 2023, għall-ħabta tas-7:00a.m., ġewwa Triq l-Msida, Gżira, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tiegħu. Il-Qorti però tosserva ulterjorment li ladarba l-istess Mousay ma qal xejn lit-Tabiba li nvistatu dakinhar tal-1 ta' Lulju 2023 dwar dawn il-ġrieħi f'wiċċu stante li huwa kien muġugħ bil-ġrieħi li kellu f'idu - ġrieħi dawn jiġi ribadit mhux kawżati mill-imputat - għandu jsegwi li dawn il-ġrieħi hekk riskontrati mill-Espert Mediku Dr. Mario Scerri u minnu kklasifikati bħala ta' natura ħafifa, kienu wkoll ta' importanza żgħira u għaldaqstant fil-każ in eżami għandu japplika dak provdut fl-Artikolu 221(3)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dan il-konklużjoni, ossia li l-imputat għandu jinstab ħati li kkawża ġrieħi ta' natura ħafifa u ta' importanza żgħira lil Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzoni tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat.

Ikkunsidrata t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, u cioè li fl-1 ta' Lulju 2023 għall-ħabta tas-7:00a.m. ġewwa Triq l-Msida, Gżira, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi (Kodiċi Kriminali), kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fid-dawl tal-provi prodotti, partikolarment l-istqarrija ta' l-imputat u l-filmati esebiti, għandu jsegwi li anke din l-imputazzjoni tirriżulta ippruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli u b'hekk l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-istess.

Id-Difiża tikkontendi però li fil-każ in eżami, kemm-il darba l-Qorti kellha ssib li l-imputat verament ikkawża ġrieħi lil Bin Husayn Mousay Sulayman Mousa, għandhom japplikaw id-dettami tal-Liġi relattivi għall-provokazzjoni, jekk mhux addirittura tal-leġittima difesa.

Fir-rigward tad-difiża tal-leġittima difesa ssir referenza għald dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tony Curmi et**, deċiża fis-27 ta' Ġunju 2017, fejn ingħad illi: *kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressività ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess,*

*bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjega Antolisei "occorre in fine che l'aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale." Fil-Manuale di Diritto Penale Generale pg 261, insibu li "pericolo attuale e' il pericolo presente." ... Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqgħuha. Ċioè it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioè li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew x'messu għamel jew x'messu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza. Fil-fatt kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu: "the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time." Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioè imbeżża' u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit; ... id-difesa leġittima, huwa m'għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn ... għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioè l-imputat. Rinfaċċjat b'perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u errors of judgement.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel Attard**, **Appell Nru. 77/2023** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Mejju 2023, dik il-Qorti osservat ulterjorment illi *fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 t' Awwissu, 1998, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro ġie ritenut illi: "Mhux kull min "jaġixxi biex jiddefendi ruħu" neċessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-liġi titkellem ċar dwar il-bżonn attwali ta' difiża leġittima" ta' dak li jkun jew ta' ħaddieħor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna hu ormai stabbilit li biex wieħed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun inġusta, gravi u inevitabbli." Għalhekk id-difiża trid tkun saret sabiex jiġu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lill-imputat, jiġifieri ħsara jew offiżi fil-ħajja, gisem u/jew partijiet tal-ġisem tal-imputat jew ta' ħaddieħor. L-imputat irid jipprova li dak li għamel għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita il-perikolu li ma setax jiġi evitat b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel, għax dan jista' jagħti lok biss għall-*

*provokazzjoni u mhux difiża leġittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, cioè li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test soġġettiv kif diversi awturi u s-sentenzi tal-Qrati dejjem speċifikaw li mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew xi jmissu għamel l-imputat, qabel ma ħa l-azzjoni in difiża bl-użu tal-forza.*

Mill-filmati esebiti dwar l-inċident **mertu ta' dawn il-proċeduri**, jirriżulta ferm evidenti li d-difiża tal-leġittima difesa ma treġix. Għalkemm irriżulta li l-imputat u Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay ftit minuti qabel l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri kellhom xi jgħidu bejniethom u kien l-istess Mousay li bil-vettura avviċina lill-imputat u għajru ħalliel u beda joffendih, meta però seħħ l-inċident in kwistjoni, ossia wara li Mousay telaq bil-vettura minn fuq il-post u reġa' ġie lura bil-vettura tiegħu wara madwar għaxar minuti, huwa fl-ebda ħin ma niżel mill-vettura u fl-ebda ħin ma jidher jagredixxi lill-imputat, anzi kif Mousay jieqaf bil-vettura tiegħu, jidher l-imputat ġej fuq il-bankina, jinżel fit-triq, jersaq lejn il-vettura ta' Mousay fuq in-naħa tal-lemin, ossia fuq in-naħa tax-xufier, u filwaqt li Mousay kien għadu u baqa' fil-vettura, l-imputat jidher jagħti xi daqqiet, li ġew minnu stess ikkonfermati fl-istqarrija tiegħu bħala tlett daqqiet ta' ponn lejn Mousay. B'hekk l-elementi meħtieġa għad-difiża ta' tal-leġittima difesa f'dan il-każ ma jissussistux u kif gia ngħad l-istess difiża ma tistax tiġi nvokata b'suċċess mill-imputat.

In kwantu rigwarda l-iskużanti tal-provokazzjoni ssir referenza għal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Luke Farrugia**, deċiża fit-3 ta' Ġunju 2021: *huwa paċifiku li, diversament mil-leġittima difiża, il-benefiċċju ta' dan l-attenwanti jingħata biss meta il-provokazzjoni ossia l-att provokatorju ikun tali li f'nies ta' temperament ordinarju komunement iġib l-effett li dak li jkun ma jkunx jista' jqis l-effett tad-delitt. Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun suffiċjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tiegħu. Il-kriterju għalhekk huwa wieħed oġġettiv: il-bniedem ta' temperament ordinarju. F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali deċiża fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela, ġie deċiż:- "Meta tiġi biex titqies l-iskuża tal-provokazzjoni għandha titħares ir-regola miġjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li tagħha tinġieb bħala skuża. Però dejjem irid ikun hemm provokazzjoni inġusta … il-ġurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma' l-attenwanti ġenerali tal-provokazzjoni igħid hekk: "la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Perciò l-attenuante dovrà ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalità esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto" (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)." Illi għalhekk, jirriżulta li hemm żewġ elementi li jsawru dan l-iskużanti u cioè fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun waħda inġusta u trid tkun oġġettivament riskontrabbli, u fit-tieni lok trid tkun saret fil-waqt tal-azzjoni li tagħha tinġieb bħala skuża.*

Fil-każ in eżami rriżulta li **l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri**, fejn l-imputat ta daqqiet ta' ponn lil Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay u darbu, seħħ madwar għaxar minuti **wara** li l-imsemmi Mousay kien avviċina lill-imputat u għajru ħalliel u anke offendieh. Apparte minn hekk kif appena osservat, mill-filmat relattiv għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, kif Mousay jieqaf bil-vettura tiegħu, jidher l-imputat ġej fuq il-bankina, jinżel fit-triq, jersaq lejn il-vettura ta' Mousay fuq in-naħa tal-lemin, ossia fuq in-naħa tax-xufier u filwaqt li Mousay kien għadu u baqa' fil-vettura, l-imputat jidher jagħti xi daqqiet, li ġew minnu stess ikkonfermati fl-istqarrija tiegħu bħala tlett daqqiet ta' ponn lejn Mousay. Anke jekk Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay kien qed joffendi lill-imputat minn ġol-vettura, l-imputat seta' faċilment jinjorah u jibqa' għaddej fi trieqtu mingħajr ma kellu għalfejn imur ħdejn il-vettura u jagħti daqqiet ta' ponn lil Mousay. B'hekk anke l-elementi meħtieġa għall-iskużanti tal-provokazzjoni f'dan il-każ ma jissussistux u tali skużanti ma tistax tiġi nvokata b'suċċess mill-imputat.

L-imputat qed jiġi mixli wkoll talli naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) u cioè mill-Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., bid-digriet datat 23 ta' April 2018 u kif sussegwentement emendat, li permezz tiegħu huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u Naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u cioè mill-Maġistrat Charmaine Galea LL.D., bid-digriet datat 6 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Id-Digrieti in kwistjoni esebiti minn Marica Mifsud bħala Dok. "MM1" u Dok. "MM2" a fol. 80 sa' 118 tal-proċess, entrambe jistipulaw il-kondizzjoni li tul il-perijodu ta' ħelsien mill-arrest huwa *ma jikkommettix **delitt** ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest*. Kif osservat iktar 'l fuq l-imputat qed jinstab ħati ta' ferita ta' natura ħafifa u ta' importanza żgħira, li ai termini ta' l-Artikolu 221(3)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta hija punibbli bil-pieni tal-kontravvenzjonijiet, u qed jinstab ħati ta' kontravvenzjoni ai termini ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn dan isegwi għalhekk li l-imputat qed jinstab ħati ta' żewġ reati ta' natura kontravvenzjonali u mhux delittwali, bil-konsegwenza għalhekk li ma jistax u ma għandux jitqies li kiser il-kondizzjoni hawn appena imsemmija fid-Digrieti għall-ħelsien mill-arrest iktar 'l fuq indikati. Mill-provi ma rriżultax xi ksur ieħor tal-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat bl-imsemmija Digrieti.

Konsegwentement għalhekk l-Qorti ma tistax u ma għandhiex issib lill-imputat ħati tal-ħames u sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' dan ukoll il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tad-Digrieti għall-ħelsien mill-arrest u r-riarrest ta' l-imputat u għall-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-garanziji imposti fl-imsemmija Digrieti.

Il-Prosekuzzjoni titlob ukoll li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Apparte l-fatt li l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsib l-ebda applikazzjoni fil-każ in eżami, il-Prosekuzzjoni ma ressqet assolutament l-ebda prova in bażi għal liema l-Qorti tista'

issib li l-imputat huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-portata tar-reati ta' natura kontravvenzjonali li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li mhux qed issib lill-imputat ħati tat-tieni, il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom, u filwaqt ukoll li mhux qed issib lill-imputat recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 13, 17(ċ), 221(3)(b) u 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati talli nhar l-1 ta' Lulju 2023, għall-ħabta tas-7:00a.m., ġewwa Triq l-Msida, Gżira, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Bin Husayn Mousa Sulayman Mousay f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa u ta' importanza żgħira fuq il-persuna tiegħu, kif ukoll ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda fl-ammont ta' ħamisn Euro (€50).

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Bin Husayn Mousa Sulayman Mousady qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu innfisu taħt penali ta' mitt Euro (€100) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' mitt Euro (€100) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta' €209.30[18] rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri.

Ai termini ta' l-Artikoli 401(3) u 403 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata, fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol, aċċess bil-mezzi elettroniċi għal kopja skenjata ta' l-atti tal-proċeduri, flimkien ma' l-esebiti kollha relatati mal-każ, u ta' din is-sentenza u ta' l-obbligazzjoni imposta fuq l-imputat.

**MAĠISTRAT**

[18] Fol. 51 tal-proċess.

**DEPUTAT REĠISTRATUR**